**Laqgha Numru 01/K5/2008**

**Introduzzjoni**

Minuti ta' l-Ewwel Laqgha tal-Hames Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2008 li saret nhar il-Hamis 10 ta' Jannar 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Kunsilliera Alfred Mazzitelli u Evelyn Vella Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Ray Mizzi kien skuzat minhabba xoghol filwaqt li l-Kunsillier Ray Pace kien assenti.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fl-4 ta' Jannar 2008. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 19/K5/2007.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 19/K5/2007.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**10. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 19/K5/2007.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 19/K5/2007 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 19/K5/2007.

2.01. Peress li ma kienx hemm punti x'johorgu mill-Minuti 19/K5/2007 is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta **Internal Memo 87/2007** b'lista ta' laqghat li saru bejn 19/11/2007 u 09/01/08 **( Ara dokument A ), Internal Memo 88/2007** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla ghall-Kwotazzjonijiet 34,35,38,39,40 u 41/2007 **( Ara dokument B ) u Internal Memo 01/2008** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha numru 19/K5/2007 u laqgha 01/K5/2008 **( Ara dokument C ).**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Peress li ma kienx hemm punti s-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn l-20 ta' Novembru 2007 u l-10 ta' Jannar 2008 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

46/5749/07/I
20/11/2007
E-mail minghand is-Sur Anton Zarb fejn informa l-Kunsill bil-bankijiet li joffri.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5749/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5752/07/I
20/11/2007
Ittra minghand il-Pembroke Athleta Athletic Section fejn talab sabiex il-Kunsill jordna banner zghira tal-PVC li tindika fejn huwa l-Kumpless ta' l-Atletika ghall-prezz ta' Lm 55.00 kif muri fid-desinn anness kif ukoll biex isir il-hlas ta' mitt lira tax-xahar ta' Settembru.

46/5865/07/I
2711/2007
E-mail minghand is-Sur Victor Camilleri tal-Pembroke Athleta Athletics Club fejn baghat lill-Kunsill kopja ta' l-e-mail li baghat lil UniPrint rigward il-printing tal-banner.

6.03. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5752/07/I u 46/5865/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova li ssir banner zghira tal-PVC ghall-prezz ta' €128.12 / Lm 55.00.

6.04. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5768/07/I
21/11/2007
Ittra minghand id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar fejn b'riferenza ghall-pagament ghax-xoghol li sar f'Sit C u D nformaw lill-Kunsill li l-pagament ser issir f'Jannar 2008.

6.06. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5768/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5778/07/I 21/11/2007 E-mail minghand id-Dipartiment tal-Kura Primarja fejn b'riferenza ghat-talba taghna nformaw lill-Kunsill li fil-lokal zewg persuni hawn li jiehdu l-insulina u pproponiet sabiex il-Kunsill taghna jinghaqad ma dak ta' San Giljan.

6.07. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5778/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jilqa’ dan is-suggeriment u ghalhekk ghandu jsir kuntatt mal-Kunsill Lokali San Giljan halli jekk huwa possibbli jibda jigi provdut dan is-servizz.

6.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5783/07/I 22/11/2007 Memo 26/2007 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu rapport dwar l-efficjenza tal-Kunsilli Lokali li jkopri minn Lulju 2006 sa Marzu 2007.

6.10. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5783/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5785/07/I 22/11/2007 Proposta minghand il-Perit Kevin Fsadni ghal funding rigward il-gonna ta' l-4 ta' Lulju u Gnien Madre Tereza ta' Kalkutta li baghat lill-MEPA.

6.11. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5785/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li dan ir-rapport ser jintuza sabiex issir it-tiswija necessarja.

46/5790/07/I 22/11/2007 E-mail minghand il-Pembroke Athleta Football Nursery fejn baghtu poster ghal fun & sports day li ser tigi organizzata ghall-familja kollha nhar il-Hadd 16 ta’ Dicembru 2007 bejn it-8:30 am u t-3:00 pm.

6.12. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5790/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li din l-attivita’ kienet thasret minhabba li kien il-maltemp.

46/5802/07/I 23/11/2007 Ittra minghand il-British High Commission fejn b'riferenza ghall-ittra taghna nformat lill-Kunsill li l-Kummissarju Gholi Ngliz accetta li jiltaqa' mat-tim tar-rugby ta' l-Under 12 nhar is-27 ta' Marzu 2008 fl-10:00 am.

6.13. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5802/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jigi nformat Aden Brinn b’din il-korrispondenza.

6.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.16. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli staqsa lis-Sindku Joe Zammit jekk din il-mawra hijiex ser tinvolvi spejjez finazjarji lill-Kunsill.

6.17. Is-Sindku Joe Zammit wiegeb fin-negattiv u qal li l-ispejjez kollha nvoluti ser jithallsu mill-partecipanti stess.

46/5804/07/I 23/11/2007 Ittra minghand Wise Owl fejn baghtu voucher ta' Lm50 li jista' jintuza jekk jinxtraw kotba f'dan iz-zmien ta' festi li jiswew il-fuq minn Lm100.

6.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5804/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jsir komunikat mal-kumpanija Wise Owl halli jekk l-offerta ghadha valida, il-Kunsill jixtri ammont ta' kotba sabiex jitpoggew fil-librerija tal-Kunsill.

6.19. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5807/07/I
23/11/2007
E-mail minghand il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb is-Sur Sergio Grech fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret informa l-Kunsill li minnaha taghhom ghamlu l-kuntatti mehtiega mal-pubblikaturi u talbu konferma jekk hux ser jinxtraw kotba jew sempliciment ser jigu mislufa ghall-wirja u t-tul tal-wirja.

46/5955/07/I
04/12/2007
E-mail minghand is-Sur Sergio Grech mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fejn baghat lista ta' kotba mill-Wise Owl skond kif mitlub mis-Sindku.

6.21. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5807/07/I u 46/5955/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li fil-fatt dawn ghamlu wirja waqt l-attivita' ta' l-anzjani.

6.22. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jivverifika ma' din l-Ghaqda dwar kemm ghandha kotba ghal wiri halli wara l-Kunsill jara kif jista' jorganizza din l-attivita'.

6.23. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5840/07/I
26/11/2007
Dikjarazzjoni minghand il-Perit Martin Farrugia fejn informa l-Kunsill li l-istruttura tat-tinda ghac-cirklu li ser jintrema fl-Ex Parade Ground hija tajba.

6.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5840/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5843/07/I
26/11/2007
Ittra minghand il-MEPA fejn informaw lill-Kunsill li ser issir laqgha rigward PA6669/02 il-bini ta' l-iskola primarja gdida f'Pembroke nhar il-Hamis 29 ta' Novembru 2007 fil-11:00 am.

6.26. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5843/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li dwar din il-laqgha kien thejja rapport mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg. Il-kelliem qal ukoll li kif kien gie deciz fil-laqgha li ghaddiet inkitbet ittra rigward it-talba tal-Kunsill ghall-bini ta' gibjun kif kien imwiegħed minhabba l-gharghar.

6.27. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ippproponiet li ghandu jitqabbad il-Perit tal-Kunsill sabiex jissottometti lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, lill-MEPA u lid-Divizjoni tas-Sanita rapport tekniku dwar il-problema ta' l-gharghar vis-à-vis il-progett ta' bini ta' skola primarja gdida.

6.28. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5869/07/I
27/11/2007
E-mail minghand il-MEPA bl-Agenda DCC datata 4 ta' Dicembru 2007 PA 03274/05 – Sit Triq Cassino Pembroke – New building consisting of 2 floors & underlying garage for Councils Association & Local Community.

6.30. B’riferenza għall-korrispondenza numru **46/5869/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet għall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5875/07/I 27/11/2007 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn b'riferenza għat-talba għad-devoluzzjoni tat-Torri tal-Madlien informat lill-Kunsill li t-Taqsima tal-Propjeta’ qed tigbor l-informazzjoni necessarja, filwaqt li talbet jekk il-Kunsill laħaqx xi arrangamenti ma xi NGO rigward ir-restawr tat-Torri.

6.31. B’riferenza għall-korrispondenza numru **46/5875/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill għandu jinforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bil-pjan li l-MTA għandha għaz-zona u l-inkluz hemm ukoll dan it-torri kif ukoll il-heritage trail f’Pembroke. Il-kelliem ippropona wkoll li d-Dipartiment għandu jkun infurmat li diga saru laqgħat mal-Fondazzjoni Din l-Art Ħelwa fuq dan is-suggett.

6.32. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5901/07/I 30/11/2007 Ittra mingħand it-Traffic Management Directorate fejn b'riferenza għall-ittra tagħna rigward il-yellow lines quddiem il-ħwienet bagħtu kopja tal-permessi maħruġa mill-MEPA tal-ħanut Granny's Bazaar u Ray's Green Grocer u nformat lill-Kunsill li skond l-applikazzjoni l-bini m'għandux permess biex jintuża bħala garaxx.

6.34. B’riferenza għall-korrispondenza numru **46/5901/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet għall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li jkun għaqli li ssir laqgħa ma’ dawn iż-żewġ sinjuri biex jiġu nfurmati b’dan.

6.35. Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li f’komunikat li kellu ma’ sid Granny’s Bazaar irrizulta li huwa minnu li dan għandu permess mill-MEPA għal car port u għalhekk ma jistax ikun li quddiem id-dħul ma jkunx hemm kaxxa safra għax ikun qed jixxekkel id-dħul u ħruġ liberu. Il-kelliem informa lill-Kunsill li mill-pjanti tal-MEPA li provda sid Ray’s Green Grocer jidher li hemm l-istess sitwazzjoni.

6.36. Fid-dawl ta’ dan is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill għandu jinforma b’dan lill-ADT sabiex jikjarifika l-pożizzjoni tiegħu vis-à-vis il-permessi maħruġa mill-MEPA.

46/5907/07/I 30/11/2007 E-mail mingħand is-Sur Hamilton Travel Co. Ltd. fejn talab tweġiba għall-e-mail li bagħat sabiex ikun jista' jagħmel appuntament mas-Sindku.

6.37. B’riferenza għall-korrispondenza numru **46/5907/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet għall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li din il-korrispondenza kienet dwar il-laqgħa li saret mar-rappreżentanti minn Roccalumera u minn Parco Letterario Quasimodo u l-aġenti ta’ l-ivjaġġar.

46/5908/07/I 30/11/2007 E-mail mingħand is-Sinjura Vanessa Gonzi li toqgħod Blokk A6, Flt 10, Triq Pietru Darmenia fejn irringrazzjat lill-Kunsill tac-cirkulari li bagħat rigward l-inxir ta' ħwejjeġ barra pero' nformat lill-Kunsill li s-Sur Martin Galea li joqgħod Flt 2, Blk A6, xorta għadu joħroġ il-ħwejjeġ fil-komun u talbet biex il-Kunsill ikun jista’ jkellmu.

46/5978/07/I 05/12/2007 Ittra mingħand l-Awtorita’ tad-Djar fejn b'riferenza għall-ittra tal-Kunsill rigward inxir ta' ħwejjeġ bagħtu l-klawsoli li hemm fil-kuntratti ta' bejgħ jew kera dwar l-inxir tal-ħwejjeġ fi Blokki A u B f’Pembroke.

6.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5908/07/I u 46/5978/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li rigward dan is-suggett il-Kunsill ircieva risposta minghand l-Awtorita' tad-Djar ghall-ittra tal-Kunsill fejn il-Kunsill gie nformat li m'hemmx permess fil-kuntratt ta' bejgh biex isir inxir ta' hwejjeg fuq barra tal-galleriji jew indani ta' barra. Il-kelliem qal li r-residenti koncernati diga gew infurmati b'dan.

6.39. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li ghandha tintbaghat cirkulari lil dawk kollha koncernati kif ukoll cirkulari ohra dwar il-hrug ta' skart hafna aktar kmieni minn kif suppost.

6.40. Is-Sindku Joe Zammit qal Ii dawn ic-cirkularijiet ser jinhargu fil-futur qarib.

46/5909/07/O 03/12/2007 Dokument li baghtna l-EACEA b'rapport dettaljat rigward l-applikazzjoni ghall-fondi mill-EU numru 07/1925.

6.41. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5909/07/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li fid-dokument hemm imnizzel l-ispejjez kollha nvoluti rigward il-mawra ta' Pembroke Choir f'Malta f'Ottubru 2007.

46/5921/07/I 03/12/2007 Ittra minghand id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill rigward id-dawl ta' Sit C u D informa l-Kunsill li d-Dipartiment normalment ma jiffinanzjax dwal ta' toroq izda dan il-kaz qed jigi kkunsidrat li d-dawl jigi nkluz fl-iskema ta' landscaping ta' din it-triq wara li jikkonferma ma' l-Inginier li l-istima hija ragonevoli u wara li tinghata l-approvazzjoni mill-Ministeru.

6.42. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5921/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma lid-Direttur li mhux possibbli ghall-Kunsill li johrog dawn il-flejjes u jithallas wara 2010, jigifieri sentejn ohra. Il-kelliem qal li l-anqas ma jaghmel sens li kull minn xtara l-post irid jistenna daqstant zmien biex isir id-dawl fiz-zona tieghu. Ghal dan il-ghan ippropona wkoll li l-Kunsill jitlob lid-Dipartiment koncernat sabiex jinstabu fondi minn sorsi ohra halli d-dawl f'din iz-zona jsir kemm jista' jkun malajr kif ukoll li d-dipartiment jigi mitlub jinforma lill-Kunsill dwar jekk huwiex lest li jintervjeni b'garanzija bankarja ghan-nom tal-Kunsill biex jigu fondi malajr ghal dan id-dawl. Finalment il-kelliem ippropona li r-residenti koncernati jigu nfurmati b'dan.

6.43. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5936/07/I 03/12/2007 E-mail minghand il-WasteServ fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill fejn id-delegazzjoni minn Cetinje urew interess li jaghmlu xi diskussjonijiet mal-WasteServ informaw lill-Kunsill li tixtieq tiltaqa mal-Kunsill sabiex tigi diskussa din il-proposta.

6.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5936/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li din il-laqgha saret fil-prezenza tal-Kunsillier Alfred Mazzitelli. Il-kelliem qal li l-kumpanija WasteServ tant uriet interess f'dan il-progett li baghtet ittra Cetinje rigward dan.

46/5954/07/I 04/12/2007 Minuti numru 11/2007 tal-laqgha ta' LES li saret fi 8 ta' Novembru 2007.

6.46. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5954/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5962/07/I
04/12/2007
46/0013/08/I
02/01/2008
E-mail minghand il-Korp tal-Pulizija mid-Dipartiment ta’ l-Investigazzjoni Kriminali fejn informaw lill-Kunsill sabiex issir laqgha ghax-xahar ta’ Dicembru 2007 / Jannar 2008.

6.47. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5962/07/I u 46/0013/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghalkemm ghax-xahar ta’ Dicembru ma kienx hemm lok ghall-laqgha pero’ tajjeb li ssir wahda matul Jannar 2008.

6.48. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.49. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5968/07/I
04/12/2007
E-mail minghand is-Sur Sergio Grech mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fejn baghat it-tieni lista ta' kotba mill-Klabb Kotba Maltin skond kif mitlub mis-Sindku.

6.50. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5968/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jerga’ jitlob li jinghata lista tal-kotba bil-prezzijiet.

6.51. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.52. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5973/07/I
04/12/2007
E-mail minghand Allberta Fire Safety fejn baghtu kwotazzjoni ghal fire extinguisher u fire blankets.

6.53. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5973/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn jinxtraw.

6.54. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.55. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5980/07/I
05/12/2007
Ittra minghand il-Korprazzjoni Enemalta fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill rigward uzu mill-arbli tad-dawl informaw lill-Kunsill li l-korporazzjoni hija disposta li taghti permess lill-Kunsilli biex jitwahhlu lampi godda ma’ l-arbli tad-dawl, pero’ madanakollu l-Kunsill irid jikteb bil-miktub biex tinkiseb l-approvazzjoni necessarja u wara tinbaghat il-formola A biex l-Enemalta tkun tista’ tqabbadhom mas-sistema ta’ l-elettriku.

6.56. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5980/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li fil-jiem li gejjien ser issir spezzjoni sabiex jigi identifikat fejn jistghu jitwahhlu lampi m’arbli u dan wara li ssir applikazzjoni ma’ l-istess Korporazzjoni u l-Kunsill ikun ircieva l-approvazzjoni minghand l-istess Korporazzjoni.

6.57. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li quddiem il-propjeta’ taghha hemm arblu u jkun ghaqli li titwahhal lampa tad-dawl.

46/5983/07/I
05/12/2007
Ittra minghand in-Northern Cleaning Coperative Ltd. fejn informa l-Kunsill li peress li zdied ix-xoghol f'Pembroke, qed jitolbu l-hlas ta' Lm37.26 inkluz il-vat u contracts manager fix-xahar u talbu risposta sabiex ikunu jistghu jigu nkluzi fil-pagamenti ta' Novembru u Dicembru 2007.

6.58. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5983/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din it-talba tigi accettata ghax hija gusta meta wiehed jikkunsidra z-zieda ta' gbir minn mindu beda l-kuntratt kif spjegat tajjeb fl-ittra taghhom.

6.59. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.60. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5984/07/I 05/12/2007 E-mail minghand is-Sur Jason Grech fejn baghat kwotazzjoni ghal railing galvanizzat ghall-prezz ta' Lm1,020.00.

6.61. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5984/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li fil-fatt ir-railing wara li twahhal inqala nhar is-Sibt 5 ta' Jannar sabiex jigi ggalvanizzat u ghandu jerga' jehel fil-jiem li gejjien.

46/5995/07/I 05/12/2007 E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn informaw lill-Kunsill li mill-1 ta' Jannar 2008, l-Assocjazzjoni ser tibda tuza l-kumpanija ta' l-Allcare Insurance ghall-iskema ta' sahha ghall-Kunsilliera u haddiema klerikali tal-Kunsilli.

6.62. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5995/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5998/07/I 05/12/2007 Cekk minghand STC ta' Lm100.00 bhala donazzjoni lill-Kunsill ghat-tindif u irrangar quddiem l-iskola.

6.63. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5998/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li dan sar bl-intervent tal-Kunsillier Alfred Mazzitelli sabiex ikopri l-ispiza li saret sabiex tnaddaf is-sit minn hafna skart li kien hemm.

46/6003/07/I 06/12/2007 Ittra minghand it-Traffic Management Directorate fejn informaw lill-Kunsill li l-Bord tal-parkegg riservat irreveda l-kaz tas-Sur Paul Formosa li joqghod Juno Flats u talbu sabiex ir-reserved parking li kien sar jitnehha minhabba li s-Sur Formosa ma ghadux isofri mill-problema ta' immobilita' severa.

6.64. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6003/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex dawn il-linji jitnehhew mill-haddiema ta' l-IPSL u ssir kaxxa bajda.

46/6013/07/I 06/12/2007 E-mail minghand il-MEPA is-Sinjura Marisa Darmanin fejn b'riferenza ghall-UIF Funding informat lill-Kunsill li l-iffirmar tal-kuntratti ser issir nhar it-Tlieta 11 ta' Dicembru 2007 fit-3:00pm gewwa l-Boardroom tal-MEPA u talbet nibghatu xi nformazzjoni sabiex tkun tista' tibghat kopja tal-kuntratt qabel ma jigi ffirmat l-kuntratt ufficjali.

6.65. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6013/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/6018/07/I 06/12/2007 Kwotazzjoni minghand il-Bitmac f'isem Ell's Urban Services Ltd. biex isir it-tarmak fil-parking area tal-Kunsill ghall-prezz ta' Lm3,040.

6.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6018/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/6029/07/I E-mail minghand il-UHM fejn baghtu kopja ta' l-istqarrija ghall-istampa

07/12/2007 rigward il-ftehim li l-UHM lahqet mal-Gvern dwar l-impjegati fuq kuntratt definit fis-settur Pubbliku.

6.67. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6029/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jaghti aktar informazzjoni lill-Kunsill dwar dan.

6.68. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li mill-informazzjoni li hareg il-Gvern jirrizulta li l-kuntratt indefinit issa spicca u l-impjegati kollha tal-Kunsill inkluz l-iskrivani nghataw impjieg indefinit mal-Kunsilli Lokali rispettivi.

46/6049/09/I
10/12/2007 Kwotazzjoni minghand Eurosport prezentata mis-Sur Godwin Gatt liason person bejn il-Pembroke Local Council Football School u Pembroke Athleta Football Club, ghal xiri ta' 61 training kits ghall-prezz ta' Lm488.00 ghall-membri tal-P.L.C.Football School.

6.69. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6049/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li din il-kwotazzjoni kienet diga giet approvata fil-laqgha li ghaddiet.

46/6051/07/I
10/12/2007 Ittra minghand l-Ufficcju tal-President fejn b'riferenza ghat-talba tal-Kunsill sabiex isir laqgha mal-grupp tar-Rugby li gej f'Marzu 2008, talab sabiex nikkomunikaw maghhom f'nofs ix-xahar ta' Frar sabiex isir l-appunatament.

6.70. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6051/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li kopja ta' l-ittra ghandha tintbaghat lis-Sur Aden Brinn u lid-dirigenti tal-klabb tar-rugby f'Wales.

6.71. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.72. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6053/07/I
10/12/2007 Ittra minghand il-Korporazzjoni Enemalta fejn b'riferenza ghat-talba tal-Kunsill biex jigu nstallati lampi fi Triq Burma nformaw lill-Kunsill li l-Korporazzjoni accettat li jitwahhlu 2 lampi ta' 70 Watts skond il-pjanta annessa.

6.73. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6053/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jigu ordnati dawn il-lampi kif ukoll li jigu nfurmati r-residenti koncernati.

6.74. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.75. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6054/07/I
10/12/2007 Ittra minghand l-iskola ta' l-ITS fejn talbu sabiex tissewwa Triq Martin Luther King minhabba hsarat li qed igarrbu fil-vetturi taghhom meta jaghmlu uzu minn din it-triq.

6.76. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6054/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma lill-Onor. Ministru J. Mugliett, fejn fl-istess hin jigi mistieden izur is-sit ukoll, minhabba li din hija z-zona fejn il-Kunsill flimkien mal-BMX minn dejjem xtaq li jaghmel international cycling route, fejn jigi mitlub l-intervent tieghu sabiex isir it-tarmak u dan skond kif kien diga tkellem mieghu fuq dan fil-prezenza tal-Kunsillier Alfred Mazzitelli waqt il-konferenza stampa li saret meta gie mniedi il-progett tal-Park & Ride mill-Ex Parade Ground.

6.77. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.78. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6058/07/I 10/12/2007 Kwotazzjoni minghand Piscopo Gardens Ltd. ghal sigar sabiex jithawwlu fil-Gnien ta' San Patrizju.

6.79. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6058/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li kif kien gie deciz fil-laqgha li ghaddiet, flimkien mal-Kunsillier Alfred Mazzitelli saret spezzjoni tal-palm kollu li hawn fil-lokal u kien approvat lill-kumpanija Piscopo Gardens sabiex jaghmel dan is-servizz malajr kemm jista' jkun, liema servizz jirrizulta l'issa gie konkluz ghalkemm dan ghandu jigi ripetut kull numru ta' gimghat. Il-kelliem qal li r-repitizzjoni ta' dan ix-xoghol issa jkun jista' jsir mill-kuntratturi tal-Kunsill.

46/6061/07/I 10/12/2007 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn baghat kopja ta' l-e-mail li rcieva minghand is-Sur Pierre Azzopardi rigward konfuzjoni li qed ikun hemm fejn l-Iskola St. Michael's.

6.80. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6061/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li mmedjatament kien talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jibghat din l-ittra lill-Sup. Sharon Tanti kif ukoll lill-A.O tal-grupp, kif fil-fatt sar.

46/6073/07/I 10/12/2007 E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn baghat cirkulari numru 94/2007 fejn infurmaw lill-Kunsill li minhabba li xi kunsilli qed isibu diffikulta biex jipprovdu gwardjani lokali meta jkollhom talbiet minn kuntratturi l-Assocjazzjoni qed tirrakomanda li l-Kunsill ikun jista' jaghmel uzu mis-servizzi tal-pulizija.

6.81. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6073/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/6108/07/I 10/12/2007
46/6147/07/I 12/12/2007
E-mail minghand il-Where's Everybody fejn baghtu reminder rigward il-programm Hadd Ghalik li jaghmlu kull nhar ta' Hadd fuq il-PBS fejn qed iheggu l-Kunsill jippartecipa.

6.82. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6108/07/I u 46/6147/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/6117/07/I 11/12/2007
46/6118/07/I 11/12/2007
Ittra minghand il-Blind Centre u l-Agenzija Sapport fejn qed jiktbu f'isem is-Sur Raymond Caruana li joqghod Blk 6, Hse 2, Triq Dun Guzepp Farrugia fejn qed jitlob lill-Kunsill biex isir xi haga sabiex il-karozzi ma jibqghux jipparkjaw quddiem ir-residenza tieghu minkejja li hemm id-double yellow lines sabiex vettura kbira tkun tista' tghaddi bla ebda xkiel.

6.83. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6117/07/I u 46/6118/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li mmedjatament kien talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jibghat din l-ittra lill-Sup. Sharon Tanti kif ukoll lill-A.O tal-grupp, kif fil-fatt sar.

46/6119/07/I 11/12/2007 Ittra minghand il-Ministeru ghall-Investiment, l-Industrija u l-IT fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill rigward kont tad-dawl ta' Sit B, informa

l-Kunsill li t-talba tal-Kunsill ghanda ssir direttament llid-dipartiment tal-Finanzi tal-Korporazzjoni Enemalta ghax mhux kompitu tal-Ministeru.

6.84. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6119/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jistenna risposta minghand il-Korporazzjoni Enemalta.

46/6121/07/I
11/12/2007
E-mail minghand l-Ambaxxata Amerikana fejn baghtu l-programm ghaz-zjara li Ambaxxatrici Amerikana ser taghmel fil-lokal ta' Pembroke nhar l-Erbgha 30 ta' Jannar 2008.

6.85. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6121/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li kien talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jinforma lill-Kap ta' l-Iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo b'din iz-zjara, kif fil-fatt diga sar. Il-kelliem ippropona wkoll li tkun infurmata l-media kif ukoll li l-Kunsill ghandu jirranga l-parti fejn hemm il-librerija.

6.86. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.87. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.88. Fuq punt differenti l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrakkomandat li tinhareg cirkulari lir-residenti sabiex jigu mhegga jippartecipaw fl-iskema ta' gbir ta' zejt ta' l-ikel.

6.89. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan l-avviz ghandu jsir ma' l-ewwel cirkulari li tinhareg ghar-residenti.

46/6127/07/I
11/12/2007
Dokument tal-Ftehim iffrimat bejn is-Sindku Joe Zammit, s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u Dr. Godwin Cassar f'isem il-MEPA rigward il-UIF Funds.

6.90. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6127/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghandu jibda l-process mal-Perit tal-Kunsill skond ir-rapport tieghu stess ghal xoghol fil-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta. Il-kelliem qal li fil-fatt fil-laqgha li saret mas-Sur Chircop mill-Ministeru ta' Ninu Zammit, inghata kopja tat-talba li l-Kunsill kien ghamel biex isir xoghol ta' hadid mid-dipartiment bi prezz specjali u dan halli l-Kunsill jara jekk dan ghadx jista' jsir. Il-kelliem ippropona wkoll li ghandhom jigu nformati r-residenti tal-lokal b'din l-inizjattiva li qed issir flimkien mal-MEPA.

6.91. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.92. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6143/07/I
12/12/2007
E-mail minghand il-Biblijoteka Nazzjonali fejn informaw lill-Kunsill li l-Biblijoteka Nazzjonali se tippubblika l-ewwel volum tal-pubblikazzjoni gdida Charles Frederick de Brocktorff: Watercolours of Malta at the National Library, Valletta.'

6.93. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6143/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jinxtara dan il-ktieb.

6.94. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.95. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6154/07/I
12/12/2007
Kwotazzjoni minghand il-Mr. Clean ghal servizz ta' tindif darbtejn fil-gimgha tal-Kunsill ghall-prezz ta' Lm 12.00 inkluz il-vat u l-materjal.

6.96. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6154/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/6164/07/I 14/12/2007 Ittra minghand l-Awtorita’ tad-Djar fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill rigward id-dawl ta' Sit F, informaw lill-Kunsill li l-Awtorita’ tad-Djar kif diga weghdu ser johorgu s-somma ta' Lm3,800 biex tigi kompluta s-sistema tad-dawl esterna f’Sit F bil-kundizzjonijiet li baghtu.

6.97. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6164/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ssir laqgha ma’ l-inginier tal-Kunsill sabiex jibda l-process ghax-xoghol tad-dawl f’Sit F. Il-kelliem ippropona li jkunu nformati wkoll ir-residenti koncernati.

6.98. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.99. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6166/07/I 14/12/2007 E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn informaw lill-Kunsill jekk ahniex interessati li nixtru money detector ghall-EURO li ser jinghataw lill-Kunsill ghall-prezz specjali.

46/0156/08/I 10/01/2008 Kwotazzjoni minghand Inserv Ltd. ghal money euros detectors.

6.100. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6166/07/I u 46/0156/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li kien talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jinxtara dan l-apparat.

6.101. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li kien ivverifika fis-suq u rrizulta li dik provduta minn Inserv Ltd. tidher li hija sufficjenti.

6.102. Fid-dawl ta’ dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jixtri money detector minghand il-kumpanija Inserv Ltd.

6.103. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.104. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6175/07/I 19/12/2007 Ittra minghand id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta’ Djar fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 27 ta' Gunju 2007 rigward infiltrar t'ilma fil-garaxxijiet ta' Sit B informawna li x-xoghol mehtieg ta' tiswija biex tissolva din il-problema gie approvat u ghandu jsir mid-Dipartiment fil-futur immedjat.

6.105. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6175/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jigu nformati r-residenti koncernati.

6.106. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.107. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6176/07/I 19/12/2007 Ittra minghand id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta’ Djar fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 15 ta' Gunju 2007 rigward Misrah il-Forti fi Triq Mandalay informana li x-xoghol tal-katusi gie approvat u ghandu jsir fil-futur immedjat.

6.108. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6176/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jigu nfurmati r-residenti koncernati.

6.109. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.110. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6189/07/I 19/12/2007 E-mail minghand it-Traffic Management Directorate fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill informaw lill-Kunsill li l-speed limit fi Triq Burma irid ikun ta' 40km/h.

6.111. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6189/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jsiru dawn it-tabelli.

6.112. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.113. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.114. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dawn it-tabelli kienu diga gew ordnati u ghandhom jehlu fil-jiem li gejjien.

46/6194/07/I 19/12/2007 E-mail minghand il-Kap ta’ l-iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret informa l-Kunsill li huwa nteressat li jippartecipa mal-proposta li baghtu Roccalumera u talab inzommuh infurmat b'kull zvilupp.

46/6244/07/I 21/12/2007 Ittra minghand l-iskola Sir Adrian Dingli fejn b'riferenza ghall-ittra taghna nformaw lill-Kunsill li l-iskola accettaw li jippartecipaw fil-proposta ta' Roccalumera.

46/0083/08/I 07/01/2008 Translation minghand Dr. Richard Sladden t’ittra li l-Kunsill ircieva minn Roccalumera.

6.115. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6194/07/I, 46/6244/07/I u 46/0083/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li din il-materja giet diskussa mal-grupp li kien hawn Malta meta saret il-laqgha mal-kumpanija Hamilton Travel. Il-kelliem qal li fil-21 ta’ Dicembru 2007 riferenza 46/6220/07/I il-Kunsill kiteb ufficjalment lill-Comune ta’ Roccalumera dwar meta hemm il-hsieb li ssir din il-laqgha kif ukoll inghataw id-dettalji ta’ l-iskejjel li lesti li jippartecipaw.

6.116. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli xtaq ikun jaf jekk f’Dicembru li ghadda kienux hawn Malta Pina u Angela mill-Kunsill ta’ Roccalumera.

6.117. Is-Sindku Joe Zammit wiegeb fil-pozittiv u zied li huwa ma kellux x’jaqsam maz-zjara taghhom.

6.118. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hija kienet iltaqghet maghhom fuq bazi personali.

46/6204/07/I 19/12/2007 E-mail minghand il-Fondazzjoni Temi Zammit fejn baghat il-proposta tieghu rigward Interreg IVC u talab nimlew il-formola li baghat. Talbu biex ufficjalment niktbu il-qbil taghna li fuq kull progett li jinkiseb jiehdu 10%.

46/0123/08/I 09/01/2008 E-mail minghand il-Fondazzjoni Temi Zammit fejn baghat il-proposta tieghu rigward CUWE Urban Waste Project u talab nimlew il-formola li baghat kemm jista' jkun malajr.

6.119. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6204/07/I u 46/0123/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li Daniela kienet spiccat minn ma’ FTZ u flokha qed jopera is-Sur Lawrence Attard. Il-kelliem intant ippropona li ma jarax ghala l-Kunsill Lokali Pembroke ghandu jiehu sehem f’dan il-programm fid-dawl li dan il-programm huwa ghat-tlett snin li gejjien meta jista’ jkun hemm membri godda

fil-Kunsill wara l-elezzjoni li jmiss. Rigward ir-rimunerazzjoni l-kelliem ippropona li tigi kkonfermata l-qbil li kien hemm li dawn jithallsu 10% tal-fondi li l-Kunsill ikun gab mill-EU.

6.120. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.121. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6211/07/I 20/12/2007 — Invoice minghand is-Sur Robbie Pullicino ta' Lm908.60 inkluz il-VAT ghal garr ta' hamrija u xoghol.

6.122. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6211/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li din il-hamrija tferxet fil-gnien ta' St. Patricks.

46/6214/07/I 20/12/2007 — Ittra minghand in-Network Infrastructure Directorate fejn baghtu l-pjanti riveduti rigward il-Park & Ride fl-Ex Parade Ground.

6.123. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6214/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/6217/07/I 20/12/2007 — E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn talab biex isir komunikat ma' Dr. Michael Refalo sabiex izur l-ufficcju l-gdid tal-Kunsill.

6.124. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6217/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghandha ssir stedina ufficjali lill-Kummissarju Gholi ghall-Ingilterra Dr. M. Refalo sabiex izur il-Kunsill. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li Dr. Refalo kien informah li fil-futur qarib huwa kien ser jahtar Konslu Onorarju ghal Wales.

6.125. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.126. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6224/07/I 20/12/2007 — E-mail minghand il-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent fejn informaw lill-Kunsill li ghandhom is-somma ta' Lm1,400 bhala sponsor mill-HSBC f'sigar u qed jipproponu li s-sigar jithawwlu nhar 16 ta' Jannar 2008 f'Jum is-sigar bejn id-9.30am u l-10.30am fejn ser ikun prezenti l-Ministru George Pullicino u tfal mill-iskejjel.

46/0149/08/I 10/01/2008 — E-mail minghand is-Sur Glenn Bugeja mill-kampanja 34U fejn informa l-Kunsill li nhar l-Erbgha 16 ta' Jannar 2008 ser jinzerghu 80 sigra u 350 arbuxell waqt cerimonja ufficjali u nformaw lill-Kunsill li x-xoghol ser jibda nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar 2008 u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill.

6.127. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6224/07/I u 46/0149/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob aktar informazzjoni minghand il-Ministeru dwar din l-attivita' kif ukoll b'rizultat tal-laqgha li huwa flimkien mal-Kunsillier Alfred Mazzitelli kellhom mal-YMCA u YWCA, il-Kunsill ghandu jitlob l-ghajnuna kollha tal-Ministeru sabiex isir hard landscaping fil-masgar li qed isir bejn Triq Luigi Billion, Triq il-Fortizza u Triq Burma. Il-kelliem ippropona wkoll li ghandu jsir komunikat ma' l-FTZ sabiex jigi esplorat jekk jistghux jinkisbu fondi ta' l-EU ghal dan il-progett.

6.128. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.129. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6234/07/I 21/12/2007 — Ittra minghand il-MEPA bl-lista t'applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp PA 06500/07 Proposed upgrading of existing dirt tracks &

British Patrol Trails for proposed cycle & walking trail – Mr. Mario J. Attard, Cycle Walking Trail, Pembroke.

6.130. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6234/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li r-residenti ghandhom jigu nformati b'din l-inizjattiva.

6.131. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.132. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6245/07/I 21/12/2007 E-mail minghand D-Consulta Ltd. fejn informaw lill-Kunsill li s-Sur Mark Causon taghhom informazzjoni li s-Sindku huwa nteressat li jiehu sehem f'EU Project u baghtu proposta dwar progett.

6.133. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6245/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ssir laqgha ma' din il-kumpanija dwar il-proposta taghhom.

6.134. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.135. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6260/07/I 24/12/2007 Stqarrija ghall-Istampa mid-DOI numru 1990 fejn il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni iffirma agreement ma' Luxol Sports Club fejn ser isir zvilupp ta' bicca art li hija parti mill-iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo.

6.136. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6260/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/6265/07/I 26/12/2007 Ittra minghand il-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent fejn baghtu cirkulari li ntbaghtet lir-residenti ta' Pembroke fejn se jibda x-xoghol fuq l-iskola l-gdida ta' Pembroke.

6.137. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6265/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li rigward din l-ittra huwa kien informa lir-residenti dwar il-kwistjoni tal-gibjun li mhux solvuta ghax dak li kien gie maqbul waqt id-diskussjonijiet ma l-FTS, anke lura fiz-zmien is-Sur Ferrante, jidher li mhux ser isir. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu jibqa' jinsisti li jsir gibjun kbir fil-kantuniera biex jghin itaffi l-gharghar li jghaddi miz-zona, apparti li l-pjanta mehmuza ma' l-ittra li baghat il-Ministru mhiex il-propja wahda.

46/6274/07/I 27/12/2007 E-mail minghand is-Sur Adrian Bonello li joqghod 'Scarsdale' Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke fejn informa l-Kunsill li ghadhom kif bnew id-dar fil-kantuniera fi Triq l-Imhallef William Harding u talbu biex titbaxxa l-bankina biex ikollhom access ghall-garaxx u tigi rrangata l-bankina.

6.138. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6274/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li kien tkellem mas-sinjur fejn dan infurmah li xtaq biss il-permess tal-Kunsill biex titbaxxa l-bankina ta' quddiem il-garaxx li bena. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni li jinghata dan il-permess ghax se jaghmel kollox huwa bil-kuntrattur tieghu.

6.139. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.140. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6282/07/I 27/12/2007 E-mail minghand il-Forum Malta fl-Ewropa fejn informaw lill-Kunsill bi tahrig li ser isir fis-16 ta' Jannar 2008 rigward 'Making your way through

the EU Funding Maze: Proposals, Evaluation & Project'.

6.141. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6282/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/6299/07/I 31/12/2007 Stqarrija ghall-Istampa mid-DOI numru 1999 fejn il-Ministru ghat-Turizmu u l-Kultura F. Zammit Dimech ipprezenta ftehim milhuq bejn il-Ministeru u l-Pembroke Athleta Sports Club ghal ghoti t'art b'cens ghal 49 sena.

6.142. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6299/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.143. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat xtaqet tkun taf jekk il-Kunsilliera kienux mistiedna ghal din l-okkazjoni.

6.144. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli kienu attendew ghal din l-okkazjoni wara nvit personali li kienu rcievew.

6.145. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ikkummentat li kien ikun ghaqli li jkun mistieden il-Kunsill kollu u dan fid-dawl li d-decizjonijiet ghat-talbiet li jaghmel l-istess klabb jittiehdu mill-Kunsill kollu.

46/6305/07/I 31/12/2007 Kwotazzjoni minghand is-Sur Jason Gatt Plastering Contractor ghal qlugh ta' l-apraporta u tpoggih taghha fuq xoghol dobblu ghall-prezz ta' Lm 1,700 inkluz il-VAT.

6.146. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6305/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din il-kwotazzjoni ghandha tintbaghat lid-Direttur il-Perit Anton Camillieri ghall-iskrutinju tieghu.

6.147. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.148. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0010/08/I 02/01/2008 Kotba minghand is-Sur William rigward il-belt ta Zhenjiang fic-Cina.

6.149. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0010/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li bhal ma kien semma fl-ahhar laqgha, is-Sur Williams gab dawn il-kotba/leaflets rigward din il-belt. Il-kelliem qal li jidher li hemm cans li din il-belt titlob partnership fil-qasam sportiv u kulturali ma' Pembroke kif diga kien semma. Il-kelliem qal li din l-inizjattiva kienet qamet matul iz-zmien ta' l-ambaxxatur precedenti. Il-kelliem qal ukoll li jista' jkun hemm zviluppi fil-gimghat li gejjien.

46/0020/08/I 02/01/2008 E-mail minghand GO fejn informaw lill-Kunsill li biex jimpruvjaw is-servizz jixtiequ li tigi nstallata cabinet fuq barra u qed jitolbu laqgha mal-Kunsill biex juru site plan ta' fejn jixtiequ li tigi nstallata fil-lokal.

6.150. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0020/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ssir din il-laqgha kif mitlub.

6.151. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.152. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0046/08/I 03/01/2008 Ittra minghand is-Sinjorina Iona Mercieca li toqghod 343, 'Bonheur', Triq Napuljun Tagliaferro fejn talbet lill-Kunsill sabiex jaghtiha cans taghmel il-progett t'esperjenza gewwa l-Kunsill Lokali billi taghmel

xoghol fil-Kunsill darba fil-gimgha kull nhar t'Erbgha ghal ghaxar darbiet ta' tlett sieghat il-wahda.

6.153. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0046/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din it-talba ghandha tigi milqugha.

6.154. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.155. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0047/07/I 03/01/2008 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn baghat kopja ta' l-e-mail li rcieva minghand is-Sur David Aloisio li joqghod 2A, Misrah il-Forti fejn informah li ha l-opportunita' biex ifakkar lill-Kunsill li r-residenti ta' Misrah il-Forti ghadhom qed jistennew il-permess ghall-garaxxijiet mentri l-gar tieghu ilu jgawdu ghal hafna snin.

6.156. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0047/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiltaqa' mar-residenti ta' din l-akwata biex il-Kunsill jara kemm hemm mir-residenti li jixtiequ li jibnu garaxx jekk jinghataw art mill-gvern quddiem il-Verdala School fejn hemm il-garaxx l-iehor bhal ma' ha resident fil-vicin.

6.157. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.158. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0068/08/I 07/01/2008 Ittra minghand il-Historical Re-enactment Group of Malta fejn qed joffru s-servizzi taghhom ghal diversi attivitajiet ta' re-enactment.

6.159. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0068/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ssir laqgha ma' dan il-grupp specjalment dwar id-data ta' l-14 ta Lulju ghall-attivita' li tikkomemora l-4 ta' Lulju – Jum Bastilja ghall-Francizi.

6.160. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.161. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0072/08/I 07/01/2008 46/0119/08/I 09/01/2008 Ittra minghand Marianna Co. Ltd. fejn qed jistiednu lill-Kunsill sabiex izur il-Bulgarija bil-possibilita' ta' skambji ma' lokalitajiet minn dan il-pajjiz.

6.162. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0072/08/I u 46/0119/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li f'komunikat bit-telefon li kellu maghhom kif ukoll ghall-laqgha li kellu ma' dawn is-sinjuri, dawn infurmawh li hija x-xewqa taghhom li jkunu mistiedna jattendu zewg rapprezentanti mit-tlett klabbs sportivi li hawn fil-lokal ta' Pembroke, jigifieri Pembroke Athleta Sports Club, Luxol Sports Club u Melita FC. Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-kelliem ippropona li l-Kunsill jinforma lil dawn l-ghaqdiet b'dan u jigu mistiedna jippartecipaw 2 rapprezentanti ta' Luxol Sports Club, 2 rapprezentanti ta' Melita FC u 3 rapprezentanti ta' Pembroke Athleta b'rapprezentanti mis-sezzjoni ta' l-Atletika, rapprezentant tal-klabb tal-football tal-kbar u rapprezentant mill-klabb tal-football tan-nursery kif ukoll b'kundizzjoni li l-ispejjez ta' kull klabb ghandhom jithallsu minn dak il-klabb partikulari. Il-kelliem fakkar li l-Bulgarija offrew li lesti jiehdu hsieb il-lodging.

6.163. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.164. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0082/08/I Ittra minghand l-AKL tistieden lill-Kunsilli Maltin jippartecipaw fic-China

07/01/2008 Global Investment Forum.

6.165. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0082/08/I** is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li l-Kunsill jiehu sehem f'din l-inizjattiva li qed tiehu l-AKL ghall-laqgha ta' Sindki fil-belt ta' Nanning China bejn it-23 u l-25 t'April 2008. Il-kelliem ippropona wkoll li ghalissa ghandu jkun hemm qbil fil-principju li l-Kunsill jiehu sehem u dan minhabba l-fatt l'aktar informazzjoni ghad trid tigi minnaha ta' l-AKL rigward finanzi u spejjez.

6.166. Il-Kunsilliera Alfred Mazzitelli u Evelyn Vella Brincat irrimarkaw li huma ma jsibux oggezzjoni li rapprezentant tal-Kunsill jattendi ghall-laqgha li ser taghmel l-AKL izda huma ma jarawx li l-Kunsill ser jibbenifika billi jkun parti mid-delegazzjoni.

6.167. Is-Sindku Joe Zammit qal li la ma jidhirx li hemm qbil fuq is-suggett ma kienx ghaqli li jghaddi ghall-vot.

46/0034/08/I 03/01/2008 Kwotazzjoni minghand Golden Gate Co. Ltd. ghall-photocopy paper ghall-prezz ta' Lm1.30/3.02 Euros il-pakkett inkluz il-VAT.

46/0038/08/I 03/01/2008 Kwotazzjoni minghand Omni Stat Office Supplies ghall-photocopy paper ghall-prezz ta' Lm1.16/2.70 Euros il-pakkett inkluz il-VAT.

46/0042/08/I 03/01/2008 Kwotazzjoni minghand Office Group Ltd. ghall-photocopy paper ghall-prezz ta' Lm1.00/2.33 Euros il-pakkett eskluz il-VAT jigifieri 2,75 Euros inkluz il-VAT.

6.168. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0034/08/I, 46/0038/08/I u 46/0042/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tintaghzel l-offerta ta' Omni Stat Office Supplies abbazi li l-offerta tieghu hija l-aktar wahda vantagguza.

6.169. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.170. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0049/08/I 04/01/2008 Kwotazzjoni minghand Azzopardi Aluminium & Metal Works ghal railing tal-hadid f'San Patrizju ghall-prezz ta' 2697.42 Euros inkluz il-VAT.

6.171. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0049/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li d-decizjoni ghandha tittiehed wara li jingabru aktar kwotazzjonijiet u jekk huwa possibbli jigu avvicinati kumpaniji ohra li huma fuq il-Yellow Pages.

6.172. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.173. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0084/08/I 07/01/2008 Kopja ta' l-e-mail li l-iskola St. Patrick's Craft Training Centre baghtu lid-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni fejn talbu provvista ta' skip fl-iskola.

6.174. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0084/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li l-kuntrattur ta' gbir ta' skart ghandu jigbor l-iskart ta' din l-iskola wkoll kif ukoll li ghandu jigi mitlub inaddaf is-siti ta' kull fejn hemm skip on wheel.

46/0094/08/I 08/01/2008 Ittra minghand is-Sur Godwin Said fejn baghat lista tal-membri li kienu jaghmlu parti mill-Pembroke Residents Association.

6.175. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0094/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/0095/08/I 08/01/2008 E-mail minghand is-Sur Adrian Grima fejn irringrazzja l-Kunsill ta' l-attivita' li saret gewwa c-cirklu, filwaqt li fahhar il-Kunsill ta' l-ghazla ta' kotba ssugerixxa sabiex ghal darba ohra l-kotba jkunu bil-Malti.

6.176. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0095/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/0096/08/I 08/01/2008 46/0035/08/I 03/01/2008 E-mail minghand id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar fejn b'riferenza ghall-ittra taghna rigward tnehhija ta' materjal mill-bini l-gdid tal-gvern quddiem il-klabb ta' Pembroke Athleta baghat kopja ta' l-e-mail li baghat lill-Perit Robert Grech sabiex jinforma l-kuntrattur biex inehhi l-materjal immedjatament u talbu sabiex jinfurmah meta jitnehha l-materjal.

6.177. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0096/08/I u 46/0035/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jigu nfurmati kemm il-MEPA kif ukoll il-Green Wardens sabiex jittiehdu l-passi legali necessarji.

6.178. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.179. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0097/08/I 08/01/2008 E-mail minghand is-Sinjura Juanita Busuttil fejn baghtet cirkulari sabiex tintbaghat lill-membri kollha ta' St. David's Welsh Society ghall-annual dinner li ser isir nhar is-Sibt 1 ta' Marzu 2008 gewwa Radisson SAS kif ukoll baghtet lista aggornata tal-membri.

6.180. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0097/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-membri tal-Kunsill jattendu ghal din l-attivita'.

6.181. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.182. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0104/08/I 09/01/2008 Kwotazzjoni minghand Video Palace ghal stampar fuq 100 ingravata ghall-prezz ta' 824.82 Euros inkluz il-VAT.

46/0122/08/I 09/01/2008 Kwotazzjoni minghand BTI Uniforms ghal embroidery fuq 100 ingravata ghall-prezz ta' 757.06 Euros/Lm325 eskluz il-VAT.

6.183. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0104/08/I u 46/0122/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tigi accettata l-kwotazzjoni ta' BTI Uniforms u ghalhekk jigu ordnati 100 ingravata sabiex jintuzaw meta jkun hemm il-htiega.

6.184. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.185. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0108/08/I 09/01/2008 Ittra minghand id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar fejn baghat kopja tal-memo li rcieva minghand il-Perit Antoine Sapiano rigward infiltrar t'ilma fil-garaxx numru 26, Block A5 fi Triq Pietru Darmenia fejn wara spezzjoni li saret irrizulta li l-benefatturi li joqghodu fi Blokk 5, Flt 4, iridu jirrangaw l-inspection chamber sabiex jigi eliminat l-inkonvenjent lil sid il-garaxx numru 26.

6.186. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0108/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/0113/08/I 09/01/2008 Site plan minghand il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma ghal new

service minn Triq il-Fortizza ghal Triq Luigi Billion.

6.187. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0113/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni sakemm ix-xoghol isir kif suppost.

6.188. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.189. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0120/08/I
09/01/2008

E-mail minghand il-Malta Tourism Authority fejn ikkonfermaw lill-Kunsill il-laqgha li ser issir nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar fl-10:00 am gewwa l-ufficini taghhom sabiex jaggornaw lill-Kunsill rigward il-landscaped gardens u l-garigue heritage park f'Pembroke.

6.190. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0120/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.191. Fis-7.30 pm minhabba li kien sar il-hin kien hemm qbil unanimu li l-laqgha tigi aggornata ghall-ghada l-Gimgha 11 ta’ Jannar 2008 fil-5:30 pm bil-kontinwazzjoni tal-laqgha.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit<br>**Sindku** | Kevin Borg<br>**Segretarju Ezekuttiv** |

**Laqgha Numru 01/K5/2008 - Kontinwazzjoni**

**Introduzzjoni**

Kontinwazzjoni tal-Minuti ta' l-Ewwel Laqgha tal-Hames Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2008 li saret nhar il-Gimgha 11 ta' Jannar 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Kunsilliera Alfred Mazzitelli u Evelyn Vella Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Ray Mizzi kien skuzat minhabba xoghol filwaqt li l-Kunsillier Ray Pace kien assenti.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fl-4 ta' Jannar 2008. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 19/K5/2007.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 19/K5/2007.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**10. Materji Ohra.**

## 06. Korrispondenza.

6.192. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn l-20 ta' Novembru 2007 u l-10 ta' Jannar 2008 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

46/0121/08/I
09/01/2008
E-mail minghand l-iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo fejn b'riferenza ghaz-zjara gewwa Wied Ghollieqa nforma l-Kunsill li hemm 45 tifel u tifla li joqghodu f'Pembroke u ghaldaqstant l-ispiza ser tkun ta' 104.82 Euros/Lm45, kif ukoll informa l-Kunsill li ma jsibux oggezzjoni ghall-programm li gie mniedi ghaz-zjara ta' l-Ambaxxatrici Amerikana nhar l-Erbgha 30 ta' Jannar 2008.

6.193. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0121/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiffinanzja din l-attivita'.

6.194. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.195. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/0136/08/I 10/01/2008 Ittra minghand Gafa Saveway Cleaners Ltd. fejn talab sabiex il-Kunsill jikkunsidra l-offerta tieghu ghas-servizz ta' tindif ta' l-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill ghall-prezz ta' 5.24 Euros/Lm2.25 is-siegha inkluz il-materjal u l-VAT.

6.196. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0136/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ser tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

6.197. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li din il-korrispondenza m'ghandiex tigi kkunsidrata.

46/0140/08/I 10/01/2008 Pjanta riveduta mill-ADT rigward il-Park & Ride fl-Ex Parade Ground.

6.198. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0140/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din il-proposta kif emendata.

6.199. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda bil-kundizzjoni li qabel ghandha ssir laqgha ma' rapprezentanti ta' Luxol Sports Club sabiex jigi ddentifikat sit fejn jistghu jipparkjaw numru ta' coaches quddiem l-istess klabb.

6.200. Il-Kunsill qabel unanimament mal-mozzjoni kif emendata.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li bhalissa qed jigi diskuss il-kuntratt il-gdid mal-kumpanija Datatrak.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li fil-jiem li gejjien kien ser jibda jipprepara programm t'attivitajiet ghall-gimghat li gejjien.

## 9. Approvazzjoni tal-kontijiet.

9.01 Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument D, E, F u G)**

9.02 Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha ghajr tal-WSC fejn ippropona li dan il-kont m'ghandux jigi mhallas ghal ragunijiet li diga ssemmew fil-laqgha precedenti kif ukoll li l-kontijiet tal-kumpanija Infinite Fusion Technologies ghandhom jinhargu wara li jkun konkluz ix-xoghol pendenti.

9.03 Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Materji ohra.

10.01 Is-Sindku Joe Zammit qal li s-Sur Jesmond Attard, talab sabiex isir patching quddiem ir-residenza tieghu, jigifieri Plot 561, Triq Gabriele Henin, minhabba li jzomm l-ilma quddiem ir-residenza tieghu. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba.

10.02 Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.03 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.04 Is-Sindku Joe Zammit qal li s-Sinjura Natasha Galea talbet sabiex issir sleeping police fi Triq Manwel Buhagiar ghal Triq Burma, minhabba li l-karozzi qed jghaddu b'mod eccessiv. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jitlob il-permess ta' l-ADT ghal dan.

10.05 Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.07 Is-Sindku Joe Zammit qal li kien cempel is-Sur Mario Grech Mallia tal-Granny's Bazaar fejn qal li kien tkellem mal-Kunsillier Alfred Mazzitelli rigward il-bini ta' cint fi Triq ANZAC kif ukoll biex isir ic-cint wara t-triq kif ukoll li titpogga xi hamrija. Vis-à-vis dan il-kelliem qal li fil-laqgha li kellu huwa u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli flimkien mas-Sur Chircop mill-Ministeru ghax-Xoghlijiet, is-Sur Chircop qal li kien ser jara kemm hija l-ispiza sabiex flimkien ma' l-AFM u l-Kunsill isir ir-retaining wall tat-triq, tigi rrangata t-triq, titkompla l-bankina u titpogga l-hamrija.

10.08 Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill kien ircieva lment minghand is-Sur Ray Zerafa fejn talab ghal aktar ronda mill-pulizija minhabba l-istudenti barranin ghax ghal habta ta' l-4:00am ikunu telghu minn Paceville u x'hin jghaddu minn Pembroke jinfexxu jkissru l-affarijiet. Il-kelliem qal li l-Kunsill ser jirreferi din it-talba lill-pulizija.

10.09 Is-Sindku Joe Zammit ippropona li sid id-dar numru 129, Triq G Malfeggiani ghandu jigi mitlub jizbor sigra twila li ghandu quddiem il-bozza tal-gvern. Il-kelliem qal li s-sid ghandu jigi nfurmat li dan ix-xoghol ghandu jsir sa qabel xahar mid-data ta' l-ittra tal-Kunsill.

10.10 Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.12 Is-Sindku Joe Zammit qal li kien avvicina lis-Sur Mark Abela li joqghod Triq Patri A. Tonna Barthet sabiex jaghmel xoghol ta' welding ghall-Kunsill. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaghmel uzu mis-servizz ta' dan ir-resident sabiex isir xoghol ta' hadid konness mal-wirja ta' vari tal-Gimgha l-Kbira fejn il-Kunsill jixtri l-materjal li hemm bzonn u dan is-sinjur jahdem ix-xoghol fil-work shop tal-Kunsill u jithallas rata fis-siegha.

10.13 Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.14 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.15 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li minhabba l-bidla ghall-Euro cekkijiet ta' l-HSBC minn numru 6351 sa 7000 mhux ser jintuzaw.

10.16 Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jekk tasal l-Awtorizazzjoni minghand l-Udituri dawn ghandhom jinqerdu.

10.17 Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.19 Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ppropona li l-attivita' ghal zmien il-Milied ghall-Kunsilliera u l-istaff ghandha ssir nhar il-Gimgha 25 ta' Jannar 2008 fit-8:30 pm ghand Ta' Soldi Restaurant. Il-kelliem qal li ghandhom jigu mistiedna biss il-membri tal-Kunsill u l-istaff.

10.20 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.22 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kellu komunikat ma’ Media & Graphic Services Limited dwar il-possibilita’ li jsiru numru 3,000 pjanta tal-lokal sabiex jitqassmu minghajr hlas. Il-kelliem qal li din il-kumpanija kienet lesta li tforni dawn il-pjanti minghajr hlas sakemm naha minnhom tkun riservata ghalihom sabiex jingabru r-reklami sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez.

10.23 Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din l-inizjattiva tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

10.24 Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.25 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.26 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li verbalment kien ircieva kwotazzjoni minghand id-Demsey Aluminium li kien ghamel ix-xoghol kollu ta’ l-Aluminium fil-Kunsill sabiex isir bieb bejn ir-reception u l-kumplament tal-Kunsill u dan ghall-prezz ta’ € 380.00.

10.27 Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din il-kwotazzjoni u jigi ordnat dan ix-xoghol.

10.28 Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.29 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.30 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kellu nformazzjoni minghand l-ELCL li numru ta’ sigar tal-palm fil-lokal kienu morda. Il-kelliem qal li fuq struzzjonijiet tas-Sindku Joe Zammit kien baghat e-mail lil Piscopo Gardens sabiex jinfurmaw lill-Kunsill jekk kienux raw xi sigar morda waqt li kienu qed jaghmlu t-trattament li sar fil-jiem li ghaddew.

10.31 B’riferenza ghall-permess mahrug mill-MEPA sabiex jiccaqlaq il-Bus Shelters ta’ Triq il-Mediterran, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma lil Faces li dan ix-xoghol ghandu jkun lest sa qabel l-ahhar ta’ Jannar 2008.

10.32 Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.33 Il-Kunsill qabel unanimament.

10.34 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li ma jistax ikun li jkun hemm dan id-dewmien kollu sabiex dan isir minhabba li fl-ahhar mil-ahhar huw ar-resident li qed ibghati l-konsegwenzi.

10.35 Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li fil-jiem li ghaddew il-Familja Cumbo minn St. Patricks regghu gherqu fid-dranagg.

10.36 Il-laqgha ntemmet fis-7:30 pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 30 ta’ Jannar 2008 fil-5:30 pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit<br>**Sindku** | Kevin Borg<br>**Segretarju Ezekuttiv** |